MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 598/2000/2

**Anthony u Antonia konjugi Attard**

**vs**

**Anthony u Josette konjugi Ellul**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata d-29 ta' Marzu, 2000, li permezz taghha l-atturi hemm ukoll indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi l-atturi konjugi Attard huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00);
1.2. Illi l-ammont imsemmi fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta kambjala mahruga mill-konvenuti konjugi Ellul, liema kambjala skadiet izda ma gietx onorata;

1.3. Illi l-konvenuti *de quo* m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jissottomettu ghat-talbiet attrici hawn indikati aktar l'isfel;

1.4. Illi jezistu cirkostanzi kif kontemplati fl-artikli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-kawza odjerna ghandha tinstema' bid-dispensa tas-smiegh;

1.5. Illi *di piu`*, l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi hu cert, likwidu u dovut;

1.6. Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu l-ammont fuq indikat, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

1.7. Illi in vista tal-premess, l-atturi fuq indikati aderew ruhhom lil din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikoli fuq gia` citati tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara paragrafu wiehed punt erbgha (1.4));

1.7.2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00);

1.7.3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat t'inibizzjoni numru 4262/99, u l-imghaxijiet dovuti;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 t'April, 2000, li permezz tieghu akkordat liz-zewg konvenuti fuq gia` indikati ghoxrin (20) jum minn dakinhar, biex jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom;

3.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josette Ellul fuq indikata datata s-16 ta' Mejju, 2000, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

3.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati;

3.2. Illi l-istess talbiet ghandhom allura jigu michuda bl-ispejjez;

3.3. Illi l-kambjala meritu tal-kawza mhix iffirmata mit-traent;

3.4. Illi stante li l-kambjala m'hix iffirmata mill-eccipjenti Josette Ellul, l-istess kambjala m'ghandha l-ebda effett fil-konfront taghha;

3.5. Illi *di piu`*, stante li l-imsemmija Josette Ellul hi legalment separata minn zewgha Anthony permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo` datat it-23 ta' April, 1988, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha;

3.6. Illi l-kambjala in dizamina ma gietx protestata *ai termini* tal-artikolu 191 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.7. Illi l-kambjala ghandha *causa* falza stante li tindika "*goods received*", mentri ghandu jirrizulta li l-origini tal-pretensjoni attrici hi self *brevi manu* mill-konvenut l-iehor Anthony Ellul;

3.8. Illi l-ammont pretiz hu eccessiv stante li jinkludi imghaxijiet b'rata oghla mill-massimu stabbilit mill-ligi u konsegwentement, jammonta ghal uzura;

3.9. Illi kull eccezzjoni sollevata hawn sintetikament esposta hi intavolata minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn stess precedentement elenkati;

4.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ellul datata wkoll is-16 ta' Mejju, 2000, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

4.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati;

4.2. Illi l-istess talbiet ghandhom allura jigu michuda bl-ispejjez;

4.3. Illi l-firma fuq il-kambjala hi falza;

4.4. Illi l-istess kambjala hi nulla u bla effett stante li mh'hix iffirmata mit-traent;

4.5. Illi l-kambjala *de quo* ma gietx protestata *ai termini* tal-artikolu 191 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.6. Illi l-kambjala *de quo* ghandha *causa* falza stante li tindika "*goods received*", mentri fil-fatt originat minn self *brevi manu* tal-konvenut;

4.7. Illi ghall-ammonti mislufa lill-konvenut, l-attur dejjem ircieva diversi oggetti mobbli bhala rahan, ta' liema, l-attur irid jaghti rendikont ghalihom;

4.8. Illi l-ammont pretiz mill-attur hu eccessiv stante li jinkludi imghaxijiet b'rata oghla mill-massimu stabbilit mill-ligi u konsegwentement jammonta ghal uzura;

4.9. Illi kull eccezzjoni sollevata hawn sintetikament esposta hi intavolata minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn stess sintetikament elenkati;

5.0. Rat il-verbal kongunt tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-3 t'Ottubru, 2000, li permezz tieghu iddikjaraw li l-partijiet kienu qed jaqblu : "li l-kambjala esebita a fol 4 tal-process mhux iffirmata mit-traent cioe` mill-attur Anthony Attard", (ara fol 30);

5.1. Illi f'dan ir-rigward ghandu immedjatament jigi ribadit is-segwenti:

5.1.1. Illi fl-atti jirrizulta li gew ipprezentati zewg (2) kambjali;

5.1.1.a. Illi l-ewwel wahda hi fotokopja u tidher a fol 6 (mhux 4 kif indikat fil-verbal tat-3 t'Ottubru, 2000, (ara paragrafu numru hamsa punt zero);

5.1.1.b. Illi t-tieni wahda hi dik originali u tidher a fol 13;

6. Rat il-verbal datat il-11 ta' Jannar, 2001, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-attur talab zmien

biex ikun jista' jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar il-fatt li l-kambjala ma kienitx iffirmata mit-traent;

7.0. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet riferita fil-paragrafu precedenti datata t-8 ta' Mejju, 2001, li fiha l-attur sintetikament issottometta s-segwenti:

7.1. Illi n-nota *de quo* hi limitata ghall-ewwel (1) eccezzjoni kif sollevata mill-konvenuta Josette Ellul, (ara fol 14), u ghat-tieni (2) eccezzjoni kif sollevata mill-konvenut Anthony Ellul, (ara fol 18);

7.2. Illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hi insostenibbli ghas-segwenti ragunijiet:

7.2.1. Illi biex il-kambjala tkun valida trid tkun iffirmata mid-debitur;

7.2.2.a.1. Illi t-traent m'hux il-kreditur izda d-debitur stess;

7.2.2.a.2. Illi l-kambjala meritu tal-procedura odjerna hi ffirmata mid-debitur il-konvenut Anthony Ellul stess;

7.2.2.a.3. Illi ghalhekk il-kambjala hi valida;

7.2.3. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Martyn Attard noe et vs Alfred Cachia pro et noe**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u datata t-13 ta' Novembru, 1995, gie ritenut is-segwenti:

"Illi skont il-ligi u l-gurisprudenza z-zewg elementi essenzjali ghall-validita` ta' kambjala huma l-**firma** tad-***drawer***, dak li johrog il-kambjala dak li ghandu jaghti u l-**indikazzjoni** tal-**valur**, kemm ghandu jaghti. L-elementi l-ohra huma importanti izda mhux essenzjali …

"Issa fil-kaz in ezami, kemm il-firma tad-*drawer* … kif ukoll il-valur huma indikati, ghalhekk il-kambjali in kwistjoni mhumiex nulli";

7.2.4. Illi ghalhekk id-*drawer* hu d-debitur stess;

7.2.5. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li d-debitur konvenut stess iffirma l-kambjala in dizamina;

7.2.6. Illi *di piu`*, hemm ukoll indikazzjoni tal-valur involut fuq l-istess kambjala in dizamina;

7.2.7. Illi ghalhekk, il-kambjala meritu tal-procedura odjerna hi valida;

7.2.8. Illi kemm –il darba l-qorti thoss li d-*drawer* hu l-attur u li l-firma tal-attur hi essenzjali ghall-validita` tal-kambjala, allura l-qorti ghandha taghti l-opportunita` lill-attur Anthony Attard jiffirma l-kambjala fil-mori tal-kawza stess;

7.2.9. Illi l-persuna li qieghda tobbliga ruhha li thallas il-kambjala meritu tal-procedura odjerna hi d-debitur, (il-konvenut Anthony Ellul), u ghalhekk inholqot obbligazzjoni lejn id-debitur;

7.2.10.Illi l-intenzjoni tad-debitur meta iffirma kienet li jobbliga ruhhu favur il-persuna li f'idejha tinsab il-kambjala li ghalhekk, meta din tal-ahhar ikollha l-kambjala f'idejha, tkun tista' timla d-dettalji;

7.2.11.Illi kif ritenut mill-artiklu 20 tal-"*Bills of Exchange Act*, 1882" tal-Ingilterra, meta kambjala hi nieqsa minn rekwizit importanti l-persuna li qed izzomm tali kambjala hi awtorizzata timla' l-vojt kif jidhrilha opportun;

7.2.12.Illi fil-kummerc hu doveruz li atti kummercjali jridu jsiru in *buona fede*;

7.2.13.Illi meta debitur jiffirma kambjala u ghaddiha lill-kreditur b'xi dettall nieqes, il-kreditur ma jkunx qed jagixxi in *buona fede* jekk sussegwentement jecepixxi n-nullita` tal-istess kambjala minhabba tali nuqqas;

8.0. Illi permezz tar-rikors tieghu tal-5 t'Ottubru, 2001, l-attur Attard sintetikament sostna s-segwenti:

8.1.Illi l-fatt li l-kambjala meritu tal-procedura odjerna ghad li ffirmata mid-debitur, (il-konvenut Anthony Ellul), m'hux iffirmata mill-attur (Anthony Attard), bl-ebda mod ma jirrendi l-istess kambjala nulla;

8.2. Illi f'dan ir-rigward jiccita l-kawza **Bugeja vs Azzopardi, datata l-1 ta' Marzu, 1900** li ssostni fil-qosor li l-mankanza riskontrata tfisser li l-kreditur ghandu l-opportunita` jiffirma l-kambjala fil-mument opportun;

8.3. Illi in vista tal-istess l-attur irrivela li kien issa opportun ghalih li jiffirma l-kambjala *de quo*;

8.4. Illi ghalhekk, in vista tal-premess talab lil din il-qorti diversament preseduta biex ikun awtorizzat jiffirma l-kambjala *de quo*;

9. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-9 t'Ottubru, 2001, li permezz tieghu irrizervat li tipprovdi fuq ir-rikors indikat fil-paragrafu tmienja (8) fuq elenkat, fi stadju ulterjuri;

10.0. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Josette Ellul datata d-9 t'Ottubru, 2001, li permezz taghha sintetikament issottomettiet is-segwenti:

10.1. Illi fic-citazzjoni promotrici l-atturi jippremettew li huma kredituri tal-konvenuti ghas-somma hemm ukoll indikata u dan, a bazi ta' kambjala rilaxxata mill-konvenuti odjerni li skadiet izda ma gietx onorata;

10.2. Illi l-artiklu 123 tal-Kodici tal-Kummerc jistabbilixxi li:

"l-kambjala … ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha";

10.3. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Pace vs Victor u Frances Micallef** datata it-**28 ta' Mejju, 1999**, intlaqghet l-eccezzjoni tan-nullita` tal-kambjala a bazi tan-nuqqas tal-firma tat-traent;

10.4. Illi t-talba li l-qorti ghandha taghti l-opportunita` lill-attur biex jiffirma l-kambjala f'dan l-istadju hi insostenibbli stante li l-firma tat-traent hi rekwizit essenzjali ghall-validita` tal-kambjala;

10.5. Illi ghalhekk, fin-nuqqas tal-firma tal-kreditur, il-kambjala hi nulla;

10.6. Illi kif ritenut fil-kawza **Pace vs Micallef** fuq riferita, (ara paragrafu ghaxra punt tlieta (10.3)):

"jekk jonqos wiehed mill-elementi mehtiega *ab initio* ghall-validita` tal-kambjala, l-kambjala hija nulla *ab initio*";

10.7. Illi konsegwenza tal-istess tali difett ma jistax ikun sanat f'dan l-istadju;

10.8. Illi l-azzjoni odjerna hi dik esklussivament kambjarja – m'hux dik li tirrigwarda ir-relazzjoni bejn debitur u kreditur;

10.9. Illi ghalhekk biex il-qorti odjerna tkompli tisma' l-kawza bhala koncernanti l-hlas t'obbligazzjoni semplici, tali obbligazzjoni ghandha tigi specifikata preventivament fit-talba tal-attur;

10.10. Illi kif gie wkoll ritenut fl-imsemmija kawza **Pace vs Micallef** fuq gia` riferita:

" … biex kambjala li hi nulla tkun tista' tigi sostnuta bhala obbligazzjoni semplici f'azzjoni tentata bhala wahda kambjarja il-qorti trid tindaga dwar in-natura ta' tali obbligazzjoni u jehtieg li l-istess obbligazzjoni tkun b'xi mod jew iehor direttament jew indirettament tirrizulta mill-att tac-citazzjoni kif redatt. Altrimenti l-azzjoni ma tkunx tista' tigi salvata bhala talba ghall-kundanna ta' ammont bazata fuq titolu divers minn dik kambjarja";

10.11. Illi ghaldaqstant, il-qorti ghandha tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta Josette Ellul stante li peress li l-kambjala in dizamina m'hix iffirmata mill-attur, hi konsegwentement nulla u bla effett;

11.0. Rat ir-rikors tal-attur fuq riferit datat l-20 ta’ Marzu, 2002, li permezz tieghu espona s-segwenti:

11.1. Illi sar jaf bi procedura simili fejn din il-qorti diversament preseduta iddecidiet favur it-tezi attrici;

11.2. Illi konsegwentement talab li jkun awtorizzat jipprezenta nota ta’ referenza fir-rigward;

11.3. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat il-21 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu laqghet it-talba u awtorizzat lill-attur Attard jipprezenta l-imsemmija nota ta’ referenzi bil-kondizzjonijiet hemm indikati, (ara fol 47);

11.4. Rat in-nota ta’ referenzi indikata fil-paragrafu numru hdax punt tnejn, (11.2), aktar qabel, (ara fol 48);

12. Rat in-nota responsiva tal-konvenuti fuq indikati datata t-18 ta’ Settembru, 2002, (ara fol 51), kif debitament awtorizzati bid-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta, datat il-15 ta’ Lulju, 2002, (ara fol 50);

13.0. Rat ir-risposta tal-konvenuti fuq indikati datata t-18 ta’ Settembru, 2002, li permezz taghha sintetikament issottomettew is-segwenti:

13.1. Illi d-decizjoni li saret referenza ghaliha mill-attur fin-nota ta’ referenza tieghu fuq riferita ma titrattax l-istess *fatti specie* bhal dawk tal-kaz odjern, stante li f’dik il-kawza l-qorti iddecidiet fuq eccezzjoni kompletament diversa minn dik in dizamina;

13.2. Illi l-eccezzjoni sollevata fil-kawza hekk riferita mill-attur hi s-segwenti:

“ il-kambjalijiet li qieghed jintalab il-hlas taghhom kienu mdawrin favur Mid-Med Bank Ltd., u ghalhekk is-socjeta` attrici ma setghetx tmexxi b’dawn il-proceduri ghax ghaddiet il-proprjeta` fil-kambjalijiet lill-haddiehor”;

13.3.Illi l-qorti fuq riferita sintetikament iddecidiet bil-mod segwenti fir-rigward:

13.3.1. Illi l-kambjalijiet hemm meritu tal-procedura kienu f'idejn is-socjeta` attrici u mdawwrin favur terzi;

13.3.2. Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici ma setghetx titqies li kienet is-sid tal-istess kambjali;

13.3.3. Illi nonostante l-opposizzjoni tal-konvenuti, fuq digriet tal-istess qorti is-socjeta` attrici involuta giet awtorizzata tiehu lura l-kambjalijiet u tipprezenthom mill-gdid;

13.3.4. Illi in vista tal-istess is-socjeta` attrici regghet ipprezentat il-kambjalijiet mill-gdid wara li dawn gew imdawwrin favur taghha;

13.3.5. Illi konsegwenza tal-istess, l-eccezzjoni sollevata fir-rigward, fuq riferita, ma kinitx tinhtieg aktar li tigi ikkonsiderata;

14. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-eccezzjoni sollevata fil-kawza fuq riferita hi totalment estranea ghall-eccezzjoni odjerna hawn ikkonsidrata stante li din tal-ahhar issostni li l-kambjala hawn in dizamina hi nulla u bla effett ghax m'hix iffirmata mit-traent u m'hux ghaliex il-proprjeta` tal-kambjala ghaddiet f'idejn xi hadd iehor;

15. Illi **f'dan l-istadju** ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Pace vs Micallef et** li jidher li kienet fuq kwistjoni identika ghal dik odjerna li ddecidiet li l-kambjalijiet kienu kollha nulli ghaliex ma kienux iffirmati mit-traent, u dan sintetikament ghas-segwenti ragunijiet:

15.1. Illi kambjala tehtieg il-firma ta' min jigbidha;

15.2. Illi biex kambjala torbot lit-trattarju tinhtieg il-firma tal-istess trattarju;

15.3. Illi hi biss il-firma tal-beneficjarju li m'hix mehtiega;

15.4. Illi " … ladarba l-attur mhux beneficjarju izda wkoll traent, il-firma tieghu – bhala traent mhux bhala beneficjarju – hija mehtiega", (ara fol 53);

15.5. Illi in vista tas-suespost jirrizulta li effettivament jonqos wiehed mill-elementi mehtiega *ab inizio* ghall-validita` tal-kambjala u konsegwentement, il-kambjala in dizamina hi nulla *ab inizio*;

15.6. Illi dan hu nuqqas li jolqot l-ezistenza tal-istess kambjala u mhux xi episodju tac-cirkolazzjoni taghha;

15.7. Illi konsegwentement, dan in-nuqqas ma jistax jigi sanat f'dan l-istadju u b'hekk il-qorti fuq indikata laqghet l-eccezzjoni tan-nullita` tal-kambjala stante n-nuqqas ta' firma ta' min gibidha;

15.8. Illi la c-citazzjoni in dizamina ma kienet taghti l-ebda hjiel dwar x'kienet ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet li wasslet ghall-hrug tal-kambjalijiet, allura l-azzjoni ma setghetx tigi salvata, bl-attur jehel ukoll l-ispejjez;

16. Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-27 ta' Gunju, 2003, li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data hemm indikata, (ara fol 56);

17.0. Rat is-sentenza tal-istess qorti diversament preseduta datata d-29 t'Ottubru, 2004, li permezz taghha sintetikament iddecidiet is-segwenti:

17.1. Illi l-kontendenti jaqblu li l-kambjala in dizamina, (ara fol 6 u 13), mhix iffirmata mill-attur;

17.2. Illi ghalhekk meta l-konvenut accetta u iffirma l-kambjala, l-istess kambjala ma kinitx iffirmata mill-attur;

17.3. Illi l-elementi formali rikjesti mill-ligi ghall-validita` ta' kambjala huma dawk elenkati fl-artiklu 123 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

17.4. Illi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali hu l-firma ta' dak li johrog il-kambjala – it-traent;

17.5. Illi fil-kawza **Edward Vincenti Kind vs Carmelo Abdilla et,** deciza mill**-Qorti tal-Kummerc fil-5 t'Ottubru tal-1954**, (Vol. XXXVIII. III. 675), giet trattata it-terminologija rilevanti fir-rigward, li sintetikament emfasizzat li t-traent hu dak li johrog il-kambjala;

17.6. Illi fil-kaz odjern it-traent hu l-attur li hareg il-kambjala;

17.7. Illi l-kambjala giet iffirmata mill-konvenut li obbliga ruhu li jahllas l-ammont indikat fl-istess kambjala;

17.8. Illi fil-kambjala in kwistjoni, min ghandu jircievi l-hlas hu l-istess persuna li harget il-kambjala – senjatament, l-attur;

17.9. Illi bhala kondizzjoni essenzjali *ad validitatem* kambjala trid tkun iffirmata minn min jigbidha – mit-traent, li fil-kaz odjern hu l-attur;

17.10. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Walter Zammit vs Pio Callus, tal-Qorti tal-Kummerc, datata d-9 ta' Settembru, tal-1981**, gie ritenut is-segwenti:

17.10.1. Illi kambjala mhux iffirmata mit-traent ghandha tigi ikkonsidrata nulla;

17.10.2. Illi dan gie ribadit ukoll fis-segwenti:

17.10.2.1. **Antonia Mifsud vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine, Qorti tal-Kummerc, datata d-29 ta' Novembru, 1974**;

17.10.2.2. **Alfred Calasione nomine vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine, Qorti tal-Kummerc**, datata wkoll id-**29 ta' Novembru, 1974**;

17.10.2.3. **Henry A. Pace vs Joseph Azzoaprdi, Prim'Awla tal-Qorti Civili**, datata t-**13 ta' Ottubru, 1964, (Vol XLVIII.II.1206)**;

17.11. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza suesposta il-kambjala meritu ta' din il-procedura giet ritenuta li hi nulla stante li fil-hin tal-emissjoni taghha ma kinitx iffirmata mit-traent – l-attur odjern;

18. Illi konsegwentement gie hemm deciz li la l-kambjala *de quo* ma kinitx iffirmata mit-traent fil-hin tal-hrug taghha, allura ma kinitx wahda valida fil-ligi u konsegwentement lanqas jista' jigi awtorizzat jiffirma l-kambjala f'dan l-istadju prezenti;

19. Illi ghalhekk, laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-kambjala *de quo* mhix valida u konsegwentmenet irrigettat it-talbiet kollha attrici fuq indikati;

20.0. Illi in vista tal-premess:

20.1. Iddikjarat il-kambjala *de quo* kienet nulla;

20.2. Laqghet l-eccezzjoni relattiva tal-konvenuti;

20.3. Cahdet it-talbiet kollha attrici;

20.4. Bl-ispejjez kontra l-atturi;

21.0. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi Attard datat is-17 ta' Novembru, 2004, fejn wara li affermaw li hassewhom aggravati bis-sentenza in prim'istanza talbu li s-sentenza fuq riferita ghandha tigi mhassra, revokata u kkancelata, in sintesi, ghas-segwenti ragunijiet:

21.1. Illi fis-sentenza taghha l-ewwel qorti kienet zbaljata meta ddikjarat il-kambjala nulla ghaliex ma kinitx iffirmata mill-atturi;

21.2. Illi *di piu`*, anke kieku kienet tissussisti l-imsemmija nullita` kellha xorta tinghata l-opportunita` mill-ewwel qorti biex l-atturi appellanti jiffirmaw il-kambjala in dizamina fil-mori tal-kawza;

21.3. Illi in sostenn tal-appell *de quo* isostnu li l-gurisprudenza Maltija, u l-awturi Inglizi u Taljani jaghmlu distinzjoni bejn in-natura ta' kambjala meta din tkun f'idejn il-kreditur originali u n-natura taghha meta din tkun girata lil terzi;

21.4. Illi gie stabbilit li fl-ewwel kaz il-kambjala ma tistax titqies indipendentement mill-obbligazzjoni originali li tkun tat lok ghall-hrug taghha;

21.5. Illi fit-tieni kaz, kif il-kambjala tigi girata din tassumi l-karattru awtonomu li tohloq obbligazzjoni indipendenti u separata mill-obbligazzjoni inizzjali;

21.6. Illi f'**Giordemaina et vs Pace et tas-16 ta' Jannar, 2003**, **tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili** gie stabbili fost affarijiet ohra li:

21.6.1. Illi l-pattijiet inkorporati fil-ftehim bejn il-partijiet jibqghu jolqtu l-kambjala sakemm din tkun ghadha ma gietx girata;

21.6.2. Illi kambjala qatt ma tolhoq novazzjoni tal-obbligazzjoni precedenti, (**Muscat vs Micallef, Qorti tal-Kummerc, tat-13 ta' Lulju, 1990**);

21.6.3. Illi l-kambjala hi intiza biss biex tiffacilita l-pagament, (**Portelli vs Schembri, Qorti tal-Kummerc, 1935, Vol XXIX. III. 80**);

21.6.4. Illi azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess ma tistax timxi wehedha minghajr referenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha, (**Scicluna vs Vella, Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Marzu, 1965**);

21.6.5. Illi *di piu`*, f'**Navarro vs Gay et, Vol. XXIX. II. 808, tat-30 ta' Novembru, 1935**, gie wkoll deciz li kambjala ma tbiddilx in-natura ta' skrittura privata li tat lok ghaliha – hi semplicement **tip ta weghda ta' pagament**;

21.7. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li sakemm ma tigix girata, kambjala hi aktar meqjusa bhala strument li jipprova kreditu ezistenti bejn zewg partijiet, u li hi intiza biex tiffacilita` l-hlas;

21.8. Illi ghalhekk, kambjala m'hi sintetikament xejn hlief **skrittura b'certi privileggi**;

22. Illi bla pregudizzju ghas-suespost anke jekk in-nullita` rikjamata tissussisti u allura, il-firma ta' l-atturi hi rikjesta *ad validitatem*, allura f'dan il-kaz l-atturi kellhom jinghataw l-opportunita` li jiffirmaw il-kambjala fil-mori tal-kawza;

23. Illi l-artiklu 123 tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistabbilix li t-traent irid jiffirma l-kambjala fl-istess mument li jiffirma d-debitur;

24. Illi *in effetti*, fil-kawza Giordemaina vs Pace fuq citata, (ara paragrafu wiehed u ghoxrin punt sitta (21.6)), l-attur inghata l-opportunita` li jirtira l-kambjala fil-mori tal-kawza biex jiffirmha u jerga' jesebixxi l-istess kambjala issa ffirmata minnu, fl-atti tal-kawza;

24.1. Illi in sostenn tal-prattika adoperata fil-paragrafu precedenti gew citati s-segwenti decizjonijiet:

24.1.1. **Vella vs Cassar, Qorti tal-Appell**, datata l-**24 t'April, 1967**;

24.1.2. **Sammut vs Agius, Qorti tal-Appell**, datata t-**23 ta' Gunju, 1997**;

24.2. Illi ghalhekk gie stabbilit li ma hemm l-ebda regola rigwardanti min ghandu jiffirma l-ewwel il-kambjala;

24.3. Illi l-istess procedura hawn fuq deskritta kienet ukoll uzata fil-kawza **Medairco Limited vs Ack Limited et tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata s-6 ta' Gunju, 2002**;

25. Illi b'hekk, kif ritenut f'**Bugeja vs Azzopardi, Vol. XVII. III. 68, deciza fl-1 ta' Marzu, 1990**:

"E` ormai stabilita che chi rilascia un foglio sottoscritto in bianco si presume dare a colui che lo riceve la facolta` di riempirlo";

26. Illi ghalhekk, l-ewwel qorti ma kellha issib l-ebda diffikulta` li tawtorizza lill-attur jiffirma l-kambjala *de quo* fil-mori tal-kawza;

27.0. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-1 ta' Gunju, 2007, **li ghar-ragunijiet hawn sintetikament elenkati irrimettiet** il-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-mansjonijiet hemm indikati:

27.1. Illi l-vertenza sollevata bil-procedura in dizamina kienet gia` giet epurata awtorevolment mill-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **John Giordimaina et vs Joseph Pace et** fis-sentenza taghha tas-**7 ta' Lulju, 2006**;

27.2. Illi fl-imsemmija sentenza saru sintetikament is-segwenti osservazzjonijiet:

27.2.1. Illi t-traent, jew emittent, hu dak li johrog il-kambjala;

27.2.2. Illi t-traent hu l-kreditur;

27.2.3. Illi l-prenditur, (il-persuna li tircievi l-hlas), hu l-istess persuna li harget il-kambjala – u dan, hu permissibbli *ai termini* tal-artiklu 127 tal-Kodici Kummercjali;

27.2.4. Illi la l-azzjoni hi kambjarja allura la l-kambjala ma kinitx iffirmata mit-traent, kienet nieqsa minn rekwizit essenzjali ghall-validita` taghha, liema nuqqas

kien iwassal ghan-nullita` tal-kambjala in dizamina u ghac-cahda tat-talba attrici peress li l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-kambjala;

27.2.5. Illi pero`, la fil-mori tal-kawza talbu u ottenew il-permess tal-qorti, irtiraw il-kambjala u regghu ipprezentawha fl-atti, din id-darba regolarment iffirmata;

27.2.6. Illi l-istess qorti iddikjarat li ma tara xejn irregolari li kambjala tigi kompletata fil-kors tal-kawza;

27.2.7. Illi ghalhekk b'dan il-mod giet sanata n-nullita` qabel riskontrata;

27.2.8. Illi din id-direzzjoni ittiehdet mill-imsemmija Qorti tal-Appell nonostante li ddikjarat ukoll li kienet konsapevoli li hemm decizjonijiet li stabbilew il-kuntrarju, (ara **Sheonix Domestix Appliances Limited vs Joseph Vassallo**, deciza mill-**Prim'Awla fl-20 t'April, 2001**);

27.2.9. Illi l-qorti in dizamina iddikjarat ukoll li qed tiehu d-direzzjoni minnha hekk persegwita billi fil-kaz odjern tapplika d-duttrina ta' l-*ius superveniens* **li a bazi ta' Shourey noe vs Cutajar Vol. XXIX**. II. 405, deciza gis-26 ta' Marzu, 1935, stabbiliet is-segwenti:

"*ius superveniens* … applies when the legal undertaking was held in abeyance by a period which falls due during the course of the proceedings, and not when its validity was conditional and dependent on the fulfilment of a condition which was ignored";

27.2.10. Illi *di piu`*, l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti, (paragrafu sebgha w ghoxrin punt tnejn punt disgha, (27.2.9), ssostni wkoll li l-gurisprudenza lokali tat il-beneficcju tal-*ius superveniens* anke f' kazijiet fejn kienet nieqsa kondizzjoni essenzjali meta nfethet il-kawza, u din il-kondizzjoni sehhet waqt li l-kawza kienet qed tipprocedi – anke addirittura meta kien rikjest xi haga minn terzi;

27.2.10.1. Illi f'dan ir-rigward irriferiet ghas-segwenti decizjonijiet: **C. Apap Bologna et vs Demoncada Limited et, Qorti tal-Appell, datata it-28 t'April, 2006, u Guido Laferla noe vs Dr. Vincent Falzon et deciza fit-23 ta' Novembru, 1984**;

27.2.10.2. Illi ghalhekk meta waqt il-prosegwiment tal-kawza ikun skatta l-*ius superveniens*, l-azzjoni li qabel tkun difettuza tigi msahha;

27.2.10.3. Illi l-bazi ta' tali direzzjoni hu precizament l-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjez;

27.2.10.4. Illi d-duttrina hawn sintetikament esposta giet ukoll applikata mill-qrati lokali anke meta d-difett inizjali gie sanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eccezzjoni – anke fi stadju t'appell;

28. Illi l-insenjament fuq sintetikament espost japplika wkoll ghall-kaz odjern;

29. Illi fil-kawza in dizamina d-"difett" riskontrat fil-kambjala meritu tal-procedura jista' jigi sanat bil-principju tal-*ius superveniens* billi l-ewwel qorti tippermetti lill-atturi jiffirmaw il-kambjala *de quo*;

30. Rat id-dokumenti kollha esebiti;

31. Ezaminat ix-xhieda prodotta;

32. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet jitrattaw il-kawza odjerna b'mod kemm skritt kif ukoll orali fit-termini hemm indikati, (ara fol 161);

33. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata t-18 ta' Jannar, 2013;

34. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuta Josette Ellul datata s-27 ta' Frar, 2013;

35. Osservat li l-perjodu prefiss biex il-konvenut Anthony Ellul jipprezenta s-sottomissjonijiet skritti tieghu ghadda inutilment;

36. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali indikati fil-verbal tal-5 ta' Marzu, 2013;

Ikkunsidrat:

37. Illi f'dan l-istadju ma tistax ma tosservax in-nuqqas t'interess tal-konvenut Anthony Ellul f'din il-procedura li hadet daqstant zmien;

Ikkonsidrat:

38.0. Illi essenzjalment il-konvenuta Josette Ellul issostni s-segwenti:

38.1. Illi hi ilha separata legalment minn mal-konvenut Anthony Ellul sa mit-23 t'April, 1998, u dana, permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo`, (ara fol 137 *et sequitur*);

38.2. Illi *ai termini* tal-klawsola IV.B. tal-istess kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet stabbilew is-segwenti:

" … li kull wiehed u wahda minnhom ghandhom ikunu responsabbli ghad-dejn personalment ikkuntrattat … u ghandu jaghmel tajjeb biss ghal dak id-dejn u ghal dawk l-obbligazzjonijiet … personalment ikkuntrattat jew assunt. Kull parti minn issa stess tobbliga ruhha li tindennizza lill-parti l-ohra …", (ara fol 142);

38.3. Illi l-kambjala in dizamina kienet giet rilaxxata wara d-data tas-separazzjoni legali tal-konvenuti;

38.4. Illi ghalhekk in-negozju li seta' kien hemm bejn l-atturi Anthony Attard u Anthony Ellul meta irredigew il-kambjala in meritu sar wara li r-relazzjoni personali bejn il-konvenuti kienet irrimedjabbilment kompromessa;

38.5. Illi kif tirritjeni l-konvenuta Josette Ellul, tali relazzjoni bejn l-attur Attard u l-konenut Ellul sehhet “minn wara daharha u minghajr il-konsapevolezza taghha”;

38.6. Illi in effetti l-istess konvenuta Josette Ellul tirritjeni, u hu attwalment assodat mir-rizultanzi processwali li hi qatt ma ffirmat il-kambjala in meritu;

38.7. Illi *di piu`*, hu wkoll assodat mir-rizultanzi riskontrati li l-konvenuta qatt ma kienet involuta fid-djun riskontrati mill-konvenut Anthony Ellul;

39.0 Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li t-talbiet attrici ma jistghux jivvinkolaw lill-konvenuta Josette Ellul stante li:

39.1. Mill-analizi tal-fatti riskontrati jirrizulta li l-istess konvenuta hi estranea ghar-relazzjoni li zviluppat bejn il-kontendenti Anthony Attard u Anthony Ellul;

39.2. L-istess konvenuta preventivament ipprotegiet il-pozizzjoni taghha meta fil-kuntratt ta’ separazzjoni legali minn ma’ zewgha hi ibblindat ruhha minn kull evenjenza li setghet tirrizulta mill-agir inkonsult tal-*ex* zewgha Anthony Ellul billi imponiet il-klawsola numru IV.b. fl-istess kuntratt, (ara paragrafu tmienja u tletin punt tnejn, (38.2), aktar qabel);

**DECIDE:**

40. Illi konsegwenza tal-istess ma tqisx li t-talbiet attrici gew ipprovati fil-konfront tal-konvenuta Josette Ellul, u filwaqt li tiddikjara li l-imsemmija konvenuta hi estranea ghan-negozju in dizamina, tirrespingi t-talbiet attrici indirizzati fil-konfront taghha, bl-ispejjez fir-rigward kontra l-atturi;

41. Illi konsegwentement tordna li l-konvenuta Josette Ellul tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

42.0. Illi l-pozizzjoni tal-atturi tista’ tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

42.1. Illi in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-1 ta’ Gunju, 2007, (ara paragrafu sebgha u ghoxrin (27) aktar qabel u fol 29 sa 33 tal-istess process in appell), jirrizulta li:

42.1.1 L-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel qorti;

42.1.2. L-attur jinghata l-opportunita` jiffirma l-kambjala meritu tal-procedura odjerna;

43. Illi rizultat tal-istess direzzjoni superjuri hekk moghtija, l-attur Anthony Attard effettivament iffirma l-kambjala in dizamina, (ara fol 13), biex b’hekk issana l-intopp procedurali li sewa diversi snin lil din il-procedura;

44. Illi ghalhekk giet superata l-eccezzjoni principali sollevata mill-konvenuti f’dan ir-rigward;

Ikkunsidrat:

45. Illi l-konvenuti eccepew ukoll li l-kambjala in dizamina hi effettivament wahda falza stante li fiha stess hemm indikati l-kliem “*goods received*”, (ara fol 13), waqt li fil-fatt l-origini tal-pretensjoni li qed tigi hawn vantata b’rizultat tal-istess hi semplicement self *brevi manu*;

46.0. Illi l-elementi essenzjali ta’ kambjala jirrizultaw elenkati fl-artiklu 123 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta li jistghu sintetikament jigu esposti bil-mod segwenti:

46.1. Illi kambjala ghandu jkun fiha s-segwenti indikazzjonijiet:

46.1.1. Id-data;

46.1.2. Il-lok fejn tigi migbuda;

46.1.3. Is-somma li ghandha tithallas;

46.1.4. L-isem ta' dak li ghandu jhallas;

46.1.5. L-isem ta' dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas;

46.1.6. Iz-zmien u l-lok tal-hlas;

46.1.7. Il-valur moghti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod iehor;

46.1.8. Il-firma ta' min ghandu jigbidha;

Ikkunsidrat:

47. Illi minn ezami tal-kambjala in atti wara li giet debitament korretta fuq l-istruzzjoni superjuri tal-Qorti tal-Appell fuq riferita, (ara paragrafu sebgha u ghoxrin (27) aktar qabel), jirrizulta li l-elementi essenzjali ghall-validita` tal-kambjala *de quo* gew issa debitament osservati;

48. Illi ghalhekk il-lanjanza tal-konvenuti li l-istess kambjala ghandha *causa* falza peress li tindika "*goods received*" mentri minflok ghandu jirrizulta li effettivament ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet naxxenti minn self *brevi manu* ma treggix stante li fl-istess kambjala hemm indikat bi precizjoni l-ammont ta' flus involut, u dan a bazi ta' **Warrington vs Galdes, Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata t-30 ta' Novembru, 2004**;

Ikkunsidrat:

49.0 Illi rigward l-eccezzjoni allegata mill-konvenuti li ghall-ammont minnhom misluf mill-atturi dan kien minnhom ircieva oggetti mobbli bhala rahan ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

49.1. Illi tali eccezzjoni tmur lil hemm mill-parametri precizi tal-*actio cambiaria*;

49.2. Illi kif ritenut **f'Gatt vs Vassallo Gatt nomine, Qorti tal-Kummerc, datata l-15 ta' Novembru, 1993**:

“Appena kambjala tigi ammessa, tigi kreata obbligazzjoni *ad hoc*, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f’kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala innifisha u bhala regola m’ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncenaw obbligazzjonijiet precedenti”;

Ikkunsidraw:

50.0. Illi rigward l-uzura kif allegata mill-konvenuti ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

50.1. Illi mill-provi prodotti in atti din l-allegazzjoni ma tirrizultax assodata;

50.2. Illi li jirrizulta assodat minflok hu li l-konvenut Ellul kien dejjem jipprova jiskarta milli jottempora ruhu ma’ l-obbligazzjoni ta’ ri-pagament minnu assunt b’tali mod li anke wassal lill-attur biex ikollu dizgwid familjari kagun ta’ l-istess;

Ikkunsidrat:

51.0. Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi Anthony u Antonia konjugi Attard ipprovaw il-kaz taghhom kontra l-konvenut Anthony Ellul u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut Anthony Ellul, takkolji t-talbiet tal-atturi u:

**DECIDE**

51.1. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Ellul biex ihallas is-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, ekwivalenti ghal hdax –il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€11,646.86) lill-atturi Atnhony u Antonia konjugi Ellul fuq indikati;

51.2. Bl-ispejjez rimanenti, inkluz dawk relattivi ghall-mandat t’inibizzjoni numru 4262/99, u bl-imghaxijiet

skont il-ligi mid-29 ta’ Marzu, 2000, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut Anthony Ellul.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------